fid-dija tax-xemx ...
U nifraħ ...
u niġri ...
u nasal ...
u nsib lix-xejn jistennieni.
U nibki ....,
ma l-għatx flok jinqata'
jiżdied bil-melħa ta' dmugħi.
Inkompli niġġerra,
ftit aktar għajjiena,
ftit aktar għatxana,
bi ftit inqas tama
li darba għad nasal f'oazi.

**Marzu 1970**

## TAMIET

Nilmaħhom
l-iħirsa
jimirħu
kull lejl;
nismagħhom
jokorbu,
inewħu,
bħar-riħ —
u dlonk
jien nagħti
l-ħelsien
'l-iħirsa
imjassra
ġo qalbi.
Joħorġu
jimirħu
ma' sħabhom,
iterrqu
fid-dinja
mudlama
ifittxu
xaqq dawl.

'Ma hekk kif
ibexbex
nismagħhom
iħabbtu
fuq moħħi
biex jidħlu
fil-jasar
ta' qalbi
għall-jum.

Illum
hekk ġara ...
u għada ...
u pitgħada...
'Ma naf li
xi darba
l-iħirsa
jitbiegħdu
għal dejjem
u l-jum li
jżernaq
ħanin
isib
qalb vojta
li tħabbat
bla tama.



# Salib it-Toroq

minn

**GEORGE ZAMMIT**

Tbissimtli bħal berqa fid-dalma
Ridt nilħqek, u kien bħal li kieku
Ridt inħaddan is-sema.
Kull fejn kien hemm il-leħħa tiegħek
Dawlek
Nixxifli
'l għajnejja;
U fejn il-leħħa ntfiet
Jew għabet malli deherli li ħaddantha.
Jew nemnmet

— Melodija li ssaħħar u tfernez
Il-moħħ, mingħajr ma qatt taqsam ix-xefaq
Lejn baħar it-tifkira —
Ma ħallietx ħlief il-baħħ imtertaq, għeri
Għall-vleġeġ
Iwerżqu daħkanin daħk ta' stmerrija,
u lili, baħħ mal-baħħ, ħallietni nilheġ
Bħal ruħ bla sabar.

Għaddejt bħal leħħa f'sema ċomb
U jien stennejtek
U għadni nistenniek f'salib it-toroq.
U nibqa' nistenniek
Għad li jien naf li meta nħaddnek miegħi
Dik it-tħaddina tħożż is-sing li jofroq
Il-magħruf mill-moħġaġ, fejn hemm moħbija
It-tweġiba tal-aħħar mistoqsija.

Salib it-toroq għal salib it-toroq,
U hekk, minn jum għal jum, minn siegħa għal siegħa,
Sa ma ġġorrni mal-leħħa ta' sbuħitek
Fejn triq il-jiem
Taħbat mat-triq li tterraq mingħajr tmiem.

**8-XII-73**